

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 152/2015

tal-11 ta' Ġunju 2015

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE  
[2016/2187]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/491 tat-23 ta' Marzu 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2014 li jemenda, għall-finijiet tal-introduzzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu u prekawzjoni fil-lingwa Kroata u tal-adattament tagħha għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (<sup>(1)</sup>) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12zze (ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

**"— 32015 R 0491:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/491 tat-23 ta' Marzu 2015 (ĠU L 78, 24.3.2015, p. 12)."

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/491 bil-lingwa Iż-żandija u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħi fit-12 ta' Ġunju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(<sup>1</sup>) ĠU L 78, 24.3.2015, p. 12.

(\*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonal.